**QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)**
**ĠURISDIZZJONI SUPERJURI**
**SEZZJONI ĠENERALI**

**MAĠISTRAT DOTTOR SIMONE GRECH**
**B.A., LL.D., MAG. JUR. (EUR LAW)**

**Rikors Ġuramentat Numru 54/2020 SG**

**Francine Cini**

**Vs**

**Domenic Zammit**

**Illum, 11 ta' Diċembru 2024**

**Il-Qorti;**

**Rat** ir-rikors tal-attriċi ppreżentat fl-20 t'Awwissu 2020, li permezz tiegħu ppremettiet illi;

1. "*Permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Mariosa Grech fit-tmienja u ghoxrin (28) ta' Frar elfejn u erbatax (2014) il-konvenut Domenic Zammit, bin Michael Zammit u Josephine nee Buhagiar akkwista b'titolu ta' bejgh bicca raba maghrufa bhala "Ix-Xaghra tal-Hawwiela" fi triq Ghonqa, minn nofsinhar ma' beni ta' Emanuel Galea, u mit-tramuntana ma' beni ta John Borg, libera u franka minghand Zachary u Maryanne konjugi Grima, bil-karti tal-identita 32254(G0 u 51857(G) rispettivament hekk kif jidher ahjar fil-kuntratt hawn anness u mmarkat Dok A (sic);*

2. *Premess illi meta l-konvenut akkwista din ir-raba akkwistaha f'ismu u bhala mandatarju prestanome tal-esponenti Francine Cini fi zmien illi l-partijiet kienu f'relazzjoni ta' ko-abitazzjoni mil-liema relazzjoni kellhom zewg ulied, Ylenia u Raisa;*

3. *Premess illi l-hlas ghal din il-bicca raba' inhargu primarjament nofshom mill-esponenti u n-nofs l-iehor mill-konvenut bl-iskop illi eventwalment meta l-ulied jilhqu l-eta maggiorenni din il-propjeta tigi ttrasferita lilhom;*

4. *Premess illi l-konvenut ikkonvinca lill-esponenti sabiex jidher hu biss ghat-tnejn li huma fuq il-kuntratt u ghalhekk ha l-irwol ta' mandatarju prestanome stante illi l-istess esponenti hallset ghal nofs il-bicca raba;*

5. *Premess illi l-attrici Francine Cini tixtieq illi r-raba de quo iddur nofsha fuq isimha stante illi hi harget nofs sehem indiviz;*

*Ghaldaqstant talbet lill-Qorti joghgobha:*

1. *Tikkundanna lill-istess konvenut sabiex jersaq ghall-pubblikazzjoni ta' att pubbliku sabiex nofs is-sehem indiviz tar-raba' maghrufa bhala "ix-Xaghra tal-Hawwiela" fi triq Ghonqa x-Xaghra Ghawdex, min-nofsinhar ma beni ta' Emanuel Galea u mit-tramuntana ma' beni ta' John Borg jigi trasferit lill-attrici kif kien originarjament ippjanat miftiehem li jsir;*

2. *Konsegwentament tinnomina nutar pubbliku sabiex jircievi l-atti ta' trasferiment relattiv fil-jum, hin u lok li tistabilixxi din l-istess Qorti u billi tahtar kuratur sabiex jirraprezenta lill-eventwali kontumaci.*

*Bl-ispejjez kollha kontra l-konvenut li jibqa' minn issa mharrek ghas-subizzjoni.*"

**Rat** ir-risposta ġuramentata ta' Dominic Zammit li permezz tagħha il-konvenut eċċepixxa illi:

1. "*Preliminarjament qed tigi eccepita il- lis alibi pendens stante illi tezisti kawza ohra fl-istess ismijiet (rikr. 12/2016) quddiem din l-istess Qorti fuq l-istess mertu.*

2. *Illi wkoll fuq lineja preliminari l-attrici ma ghandha l-ebda dritt tipprocedi b'din il-kawza, fejn qed issejjes it-talba taghha fuq binarju legali kompletament differenti u konfliggenti ma' dak odjern. Hu maghruf legalment illi electa una via non datur recursus ad altreram, u galadarba l-attrici qeghdha tghid illi l-attur approfitta ruhu indebitament minn flusha meta xtara l-ghalqa in kwistjoni u ghalhekk qed tinvoka l-kwazi kuntratt tal-indebiti solution, ma tistax issa taghmel kawza ohra u tghid li kien negozju presta nome.*

3. *Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju ghas-suespost ma hux minnu illi l-propjeta de quo inxtrat presta nome. Il-propjeta inxtrat unikament u esklussivament minn l-eccepjenti.*

4. *Illi kieku kien veru li l-attrici kellha nteress fix-xiri, ma kien hemm xejn xi jzommha minn li tidher fuq il-kuntratt tal-akkwist;*

5. *Illi ma hux minnu illi l-attrici harget nofs il-flus biex inxtrat din il-propjeta'. Lanqas kieku riedet ghax certament ma kellhiex il-mezzi.*

6. *Illi d-domandi attrici huma nfodnati fid-dritt u fil-fatt.*

7. *Illi din ir-risposta qed issir u qed tigi kkonfermata bil-gurament minn Dominic Zammit li ghandu konoxxenza vera u proprja tal-fatti in kawza.*"

**Rat** id-dokumenti eżebiti;

**Rat** li din il-kawża ġiet stradata sabiex fl-ewwel lok jinstemgħu provi dwar l-ewwel u t-tieni eċċezzjonijiet;

**Semgħet** il-provi;

**Rat** li l-kawża tħalliet għas-sentenza dwar l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet preliminari sollevati mill-konvenut;

**Ikkunsidrat**

Il-Qorti rat ukoll il-premessi tal-attriċi odjerna fil-kawża l-oħra u ċjoè fiċ-ċitazzjoni rikors numru 12/2016 fejn l-attriċi ddikjarat illi:

"*Illi fil-kors ta' din l-istess konvivenza l-esponenti ghaddiet bosta flejjes lill-konvenut biex inxtraw porzjon raba' fix-Xaghra, Ghawdex, mutur ghalih u diversi oggetti......illi dan kollu jikkostitwixxi arrikkiment indebitu li l-konvenut ghamel fil-konfront tal-esponenti peress li mill-flejjes mghoddija lilu jew zborsati hu arreka vantagg u utilita' bl-inkrement fil-patrimonju tieghu...*".

Per konsegwenza, l-attriċi odjerna fil-kawża 12/2016 talbet lill Qorti sabiex:

"*tiddikjara u tiddeciedi illi l-konvenut avvantaggja ruhu minn flejjes hekk mghoddija lilu mill-esponenti fil-kors tal-konvivenza....tillikwida l-ammont intier hekk dovut lill-esponenti.....tikkundanna lill-istess konvenut jikkumpensa lill-esponenti l-ammont hekk likwidat u li permezz tieghu avvantaggja ruhu ghall-ghanijiet kollha fuq imsemmija*".

Il-Qorti rat ir-risposta ta' Domenic Zammit fir-rikors ġuramentat numru 12/2016 fejn huwa eċċeppixxa, fost oħrajn, illi:

"*illi huwa minnu illi l-kontendenti kienu jghixu flimikien. Illi huwa minnu illi l-attrici ghaddiet xi flus biex Domenic Zammit xtara propjeta' tieghu.....illi fil-fatt l-unici flus li ghaddietlu l-attrici kienet biex inxtrat art fix-Xaghra, Ghawdex...*"

**Rat** is-sentenza mogħtija minn din il-Qorti diversament preseduta fl-istess kawża rikors numru 12/2016 fejn ġiet milqugħa l-ewwel talba limitatament safejn tirrigwarda s-somma flus li għaddiet l-attriċi lill-konvenut sabiex jixtri l-għalqa tax-Xagħra u llikwidat l-ammont dovut lill-attrici mill-konvenut fis-somma ta' €27,040.14ċ filwaqt li kkundannat lill-konvenut iħallas lill-attriċi tali somma;

Il-Qorti rat ukoll ir-rikors tal-appell fejn ġie sottomess minn Francine Cini illi:

> "*3. Illi tul ir-relazzjoni tagħhom, il-partijiet ħasbu biex jibnu dar residenzjali tagħhom u xtraw għalqa li tinsab ġewwa ix-Xagħra fi Triq Għonqa u fil-frattemp huma għamlu diversi benefikati fl-appartament tal-konvenut sabiex ikunu jistgħu jgħixu fih.*
>
> *4. Illi r-relazzjoni intemmet ħesrem, u filwaqt li l-attrici baqgħet tirrisjedi fil-fond ta' Marsalforn matul il-proceduri ta' medjazzjoni li għadhom fil-fatt pendenti bejn il-partijiet kien hemm proceduri oħrajn li llum ukoll intemmu fejn ir-rikorrenti issa giet ordnata tivvaka mill-fond...*"

Din il-Qorti qieset li fl-ewwel aggravju tal-attriċi, saret ġie argumentat mill-attriċi odjerna s-segwenti:

> "*5. Illi fl-ewwel lok l-appellanta tirrileva illi hija intavolat rikors fit-3 ta' Settembru 2020 b'talba għall-prolazzjoni tas-sentenza tal-ewwel Qorti stante illi hija intavolat proceduri godda fejn talbet il-Qorti tissindika l-fatt illi r-relazzjoni vera ta' bejnet il-partijiet fir-rigward tal-art li nxtrat fi Triq Għonqa x-Xagħra kienet fil-fatt waħda ta' presta nome u għalhekk il-mertu ta' dik il-kawża jikkoncidu u jolqtu direttament il-mertu tal-kawża odjerna...*"

Il-Qorti qieset li fil-mori tas-smigħ ta' din il-kawża, ingħatat deċiżjoni dwar l-istess appell mogħtija fis-17 ta' Ottubru 2024, fejn il-Qorti tal-Appell caħdet l-ewwel aggravju tar-rikorrenti Francine Cini:

> "*Qabel xejn jeħtieġ li din il-Qorti tqis l-ewwel aggravju, li permezz tiegħu l-attriċi appellanti tfisser li hija kienet ippreżentat rikors fit-3 ta' Settembru, 2020 quddiem l-Ewwel Qorti, li permezz tiegħu talbet is-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza u talbet is-soprasessjoni tal-kawża. Ir-raġuni wara din it-talba kienu proċeduri ġodda li hija kienet ressqet fejn talbet lil dik il-Qorti li kellha quddiemha dawn il-proċeduri ġodda sabiex tistħarreġ il-fatt li r-relazzjoni vera ta' bejn il-partijiet fir-rigward tal-art li nxtrat fi Triq Għonqa, ix-Xagħra kienet waħda ta' prestanome u b'hekk tgħid li l-mertu ta' dik il-kawża jolqot direttament il-mertu tal-kawża tal-lum. L-appellanti tgħid li għalkemm l-Ewwel Qorti rat ir-rikors u ordnat in-notifika tiegħu lill-konvenut bi żmien ħamest ijiem sabiex jippreżenta tweġiba, dan ir-rikors baqa' ma ġiex trattat u deċiż.*
>
> *16. Tissokta tgħid li t-talba għas-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza kienet rilevanti fid-dawl li d-deċiżjoni tal-kawża li kienet tressqet l-aħħar kienet tolqot l-istess art u għalhekk ikollha effett fuq il-kawża tallum. Tisħaq li l-konsegwenza li r-rikors baqa' ma ġiex deċiż hija n-nullità ta' dak kollu li seħħ wara. Tgħid li seta' kien il-każ li dan kien żball amministrattiv iżda hija x'inhi r-raġuni, dan għandu jwassal għan-nullità ta' dak li seħħ wara. Fi ftit kliem, l-appellanti qiegħda ssostni li s-sentenza appellata hija nulla.*

*17. L-appellat wieġeb għal dan l-aggravju billi jgħid li huwa minnu li r-rikors imsemmi baqa' ma ġiex degretat, iżda jissokta jgħid li l-fatt li l-Ewwel Qorti baqgħet għaddejja u ddeċidiet il-kawża fil-mertu jista' jiġi impliċitament meqjus bħala li t-talba ġiet miċħuda. Jgħid li huwa ċert li dan kien lapsus ġenwin u dan meqjus il-fatt li għaddew kważi ħames xhur minn meta tressaq ir-rikors għad-data ta' meta ngħatat is-sentenza. Jgħid li tul dan iż-żmien ma jirriżultax li l-attriċi b'xi mod ġibdet l-attenzjoni għal dan ir-rikors, inkluż dakinhar li ngħatat is-sentenza.*

*18. Jissokta jgħid li fil-każ tal-lum jekk wieħed jeżamina t-talba li ma ġietx degretata, hekk kif huwa diġà fisser fit-tweġiba għar-rikors tal-attriċi, l-Ewwel Qorti qatt ma setgħet tilqa' t-talba billi kawża ma kinitx tiddependi minn oħra. Kemm huwa hekk, jgħid li aktar kien każ ta' lis alibi pendens. Ġaladarba t-talba għas-soprassessjoni ma kienet se tbiddel xejn mill-eżitu tal-kawża u lanqas kienet xi talba ta' importanza u l-fatturi kollha jippuntaw lejn iċ-ċaħda tat-talba, jiġi b'hekk li l-aggravju għandu jiġi miċħud.*

*19. Illi l-liġi tagħmilha ċara li biex tista' tintlaqa' s-sejħa ta' nullità ta' sentenza jeħtieġ li min jallega dan juri li sentenza bħal dik kienet imsejsa fuq nuqqas ta' ġurisdizzjoni jew fuq in-nuqqas ta' ċitazzjoni, jew fuq l-illeġittimità tal-persuna jew li s-sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti tkun iddeċidiet fuq ħwejjeġ li ma ntalbux (extra petita) jew dwar aktar minn dak li ntalab (ultra petita) jew li tkun milquta minn kull difett ieħor li jippreġudika l-jedd ta' smigħ xieraq (Artikolu 790 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili). Minkejja dan, u b'ħarsien tal-prinċipju li sa fejn jista' jkun sentenza m'għandhiex titħassar b'mod leġġer u b'ħeffa jekk kemm-il darba tista' tkun salvata (ara Appell Ċivili maqtugħ fis-7 ta' Ottubru, 1991 fil-kawża fl-ismijiet John Mallia v. Manager Water Works Department), l-eċċezzjoni tan-nullità tas-sentenza ma tintlaqax jekk jintwera li ma tirriżultax xi waħda miċ-ċirkostanzi li ssemmew qabel u jekk is-sentenza tkun ġusta fis-sustanza tagħha (ara s-sentenza tal-Qorti tal-Appell mogħtija fis-27 ta' Jannar, 2021 fl-ismijiet Louis Bonnici v. Maria Magdala Sultana).*

*20. Marbut ma' dan, ingħad mill-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza fl-ismijiet Sharon Rose Roche v. L-Avukat Ġenerali et deċiża fis-16 ta' Marzu, 2017, li n-nuqqas ta' għoti ta' provvediment f'rikorsi li jitressqu matul il-kawża, ma jidħrux la fid-dispożizzjoni tal-liġi u lanqas fl-effetti legali tagħha. B'żieda ma' dan, lanqas intwera mill-appellanti kif il-fatt li ma ġiex degretat ir-rikors tagħha hija ġarrbet ksur tal-jedd tagħha għal smigħ xieraq. Il-Qorti kompliet ittenni, li «Ir-raġunijiet maħsuba mil-liġi biex iwasslu għat-tħassir ta' sentenza jitolbu ċirkostanzi aktar gravi u radikali minn dawk li dwarhom l-appellanti tressaq dan l-aggravju (Appell Inferjuri PS 7.7.2003 fil-kawża fl-ismijiet Avv. Dr. Jotham Scerri Diacono noe et v. Carmelo Borg Bonaci).»*

*21. Meta nduru għall-każ tagħna, mhux kontestat il-fatt li l-attriċi appellanti ressqet rikors fit-3 ta' Settembru, 2020 li permezz tiegħu talbet lill-Ewwel Qorti sabiex tissospendi l-għoti tas-sentenza. Il-konvenut, wara li ġie notifikat u ngħata l-jedd li jwieġeb, oppona għal din it-talba. Mhux kontestat li l-Ewwel Qorti baqgħet qatt ma ddeċidiet ir-rikors tal-attriċi, u fil-15 ta' Jannar, 2021 qatgħet il-kawża billi tat is-sentenza appellata.*

*22. Din il-Qorti tqis li minkejja dan in-nuqqas, dan l-aggravju xorta waħda mhux mistħoqq u dan għar-raġunijiet li se jiġu hawn imfissra. Il-punt tat-tluq għandu jkun li huwa mistenni minn kull qorti li tifli b'reqqa l-atti li jkollha quddiemha u li kull talba li titressaq lilha għandha tiġi deċiża. Minkejja dan, iżda fil-każ tal-lum xorta m'hemmx lok għas-sanzjoni estrema li tiħassar is-sentenza appellata. Kif rajna, it-talba li ma ġietx deċiża kienet waħda ta' sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza billi kien hemm lok għas-soprasessjoni u allura mhix waħda minn dawk imsemmija fl-Artikolu 790 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili. B'żieda ma' dan, għalkemm f'wieħed mill-aggravji, l-appellanti tisħaq li l-Ewwel Qorti ddeċidiet ultra petita però dan biss b'referenza għal ammont żgħir li hija naqqset mill-ammont li llikwidat. Tant huwa hekk li l-istess appellanti ma ssemmiex dan il-punt taħt dan l-aggravju bħala raġuni oħra għalfejn għandha tiħassar is-sentenza. Fuq kollox, l-appellanti ma ressqet lanqas l-ebda argument għalfejn dan in-nuqqas b'xi mod ippreġudikalha l-jedd tagħha għal smigħ xieraq.*

*23. Din il-Qorti qieset li minn mindu ġie ppreżentat ir-rikors quddiem l-Ewwel Qorti sad-data li ngħatat is-sentenza, erba' xhur wara, l-attriċi fl-ebda mument ma ġibdet l-attenzjoni tal-Qorti li kien għad hemm dan ir-rikors pendenti. Saħansitra lanqas dakinhar li kienet se tinqara s-sentenza. Parti hija mistennija li ssegwi b'attenzjoni liema bħalha l-proċeduri li fihom tkun parti. Jekk tonqos milli tagħmel dan, allura m'għandhiex ħlief twaħħal fit-traskuraġni tagħha. Kif qalet hija stess, dan seta' kien żball amministrattiv. Allura kemm kien ikun aktar għaqli li l-attriċi meta rat iż-żmien għaddej u ma rċeviet l-ebda att mill-Qorti sabiex ir-rikors jiġi trattat, hija tiġbed l-attenzjoni li kellha talba pendenti?*

*24. B'żieda ma' dan, «jinsab ritenut fil-ġurisprudenza li s-soprassessjoni huwa rimedju straordinarju li l-Qorti għandha tirrikorri għalih biss meta hu meħtieġ fl-interess tal-amministrazzjoni tal-ġustizzja f'każ li tinqala' kwistjoni li d-deċiżjoni tagħha tinfluwixxi sostanzjalment fuq l-eżitu tal-kawża, u fl-istess ħin ma tistax tiġi eżaminata fl-istess kawża jew ikun spedjenti li tiġi eżaminata f'kawża oħra separata. Is-soprassessjoni huwa ndikat għal dawk il-każijiet meta jkun hemm lok għas-soluzzjoni ta' xi punt li minnu tiddependi neċessarjament il-kontinwazzjoni tal-kawża li tiġi soprasseduta. Huwa provvediment rimess għad-diskrezzjoni tal-ġudikant skont iċ-ċirkostanzi partikolari u speċjali ta' kull każ.» (ara d-digriet fl-ismijiet Joseph Gaffarena et v. Mixer Concrete Works Limited et mogħti fis-27 ta' Mejju, 2005).*

*25. Hekk kif qal tajjeb il-konvenut appellat, ma kien hemm l-ebda punt fil-kawża tal-lum li kien jehtiġilha tistenna d-deċiżjoni fil-kawża l-ohra li tressqet. Billi kien hemm l-istess raba' msemmija b'daqshekk ma jfissirx li l-Ewwel Qorti kellha għalfejn tilqa' t-talba mressqa.* ***Mad-daqqa t'għajn lanqas jirriżulta li b'daqshekk l-appellanti ġarrbet xi preġudizzju. Hija xorta waħda għandha l-jedd li tibqa' tinsisti fuq il-pretensjoni tagħha li r-relazzjoni bejn il-partijiet għax-xiri tar-raba' kienet waħda ta' prestanome."*** (enfażi miżjud)

Il-Qorti tal-Appell imbagħad kompliet teżamina l-aggravji l-oħra u ddeċidiet l-appell billi:

*"Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija, din il-Qorti qiegħda fl-ewwel lok tilqa' f'parti minnu l-appell ta' Francene Cini billi tħassar dik il-parti tas-sentenza appellata fejn naqqset il-kont tad-dawl u ilma mill-ammont dovut lill-attriċi u għalhekk tvarja s-sentenza appellata biss billi tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-attriċi l-ammont ta' tmiena u għoxrin elf, disa' mija u tmienja u tmenin ewro u tmienja u disgħin ċenteżmu (€28,988.98) minflok l-ammont likwidat ta' sebgħa u għoxrin elf u erbgħin ewro u erbatax-il ċenteżmu (€27,040.14) u mill-bqija tikkonferma s-sentenza appellata fis-sħiħ. Fit-tieni lok, qiegħda tiċħad l-appell inċidentali."*

**Ikkunsidrat**

**<u>Eċċezzjoni tal-Lis Alibi Pendens</u>**

Dwar din l-eċċezzjoni, il-Qorti tqis li din tirrigwarda sitwazzjoni fejn titressaq kawża quddiem Qorti wara li tkun tressqet kawża oħra fuq l-istess oġġett quddiem Qorti kompetenti oħra. B'applikazzjoni tal-artikolu 792 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, tali kawża li tiġi mressqa l-aħħar tkun tista' tiġi mibgħuta lill-Qorti l-oħra. Madanakollu, f'dan il-każ, il-kawża l-oħra ġiet deċiża fis-17 ta' Ottubru 2024.

Il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell tal-4 ta' Ottubru, 2006 fl-ismijiet Maria Muscat vs Benny Dingli u martu Olivia Dingli fejn intqal:

*"Is-sentenza in re: "Zammit pro et noe vs Minuti pro et noe" (Prim Awla 25 ta' April, 1959, Vol XLIII.2.703) hemm mehmuża nota li tagħmel referenza għal awturi fuq din l-eċċezzjoni u tigbor il-gurisprudenza.'*

*7. Din ta' l-ahhar tgħallem li: 'Biex ikun hemm lok għall-eċċezzjoni tal-'Litis Pendentia' jehtieg (a) li jkun hemm kawża ohra precedentement intavolata, jew almenu intimata, li għadha mhux terminata, pendenti quddiem l-istess tribunal jew tribunal divers, u (b) li bejn iż-żewg kawżi jkun hemm l-istess rekwiżiti tar-'res judicata'. Meta jirrikorru dawn iż-żewg rekwiżiti l-eċċezzjoni hija gustifikata u r-*

*rimedju ordinarju huwa li l-kawża li fiha tkun tingħata dik l-eċċezzjoni tigi mibghuta quddiem l-istess tribunal bl-istanza precedenti, meta dan huwa prattikabbli. Din l-eċċezzjoni hija prerentorja, ghax holqot il-gudizzju b'mod li tiddefinixxi li fuq l-istess partijiet kontroversja bejn l-istess jigu moghtija minn żewg tribunali diversi, żewg sentenzi li jistghu anke jkunu inkonciljabbli'. ('Jeffrey vs Stellini pro et noe', deciża fit-12 ta' Mejju 1950, Vol XXXIV.1.358, u ara wkoll 'Laferla vs Grixti', deciża fil31 ta' Jannar 1879, Vol VII.p.695; 'Howard vs Bellini', deciża fil-21 ta' Mejju, 1935, Vol XXV.11.723; 'Bugeja Bonnici vs Pullicino', deciża fil-21 ta' Mejju, 1935, Vol XXIV.11.510, Reznikov vs Reznikova, Prim Awla per Manche', deciża fl-24 ta' Marzu, 1994; 'Balzan vs Argento et', Prim Awla per Filletti , 1 ta' Frar, 1990 u s-sentenzi msemmija mill-partijiet).*

*8. Il-Digesto Italiano (v. Litispendentia f. 968) jaghti din it-tifsira: "Proposta, quindi, un'istanza guidiziale, mentre essa penda ancora, non puo' inanzi ad altro guidice, proporsene un'altra nella stesse circostanze e per gli stessi effetti immediati; ne puo' il secondo giudice adito legittimamente prenderla in esame e giudicarla. Ore, il caso di una identica azione due volte proposta, di una stessa lite promossa davanti due Autorita' giudiziarie ugualmente competenti a conoscerne, e' detto litispendenzi, le qaule ha e molti o quasi tutti i punti di contatto con la cosa giudicata; anzi, la litispendenza funziona come una preventiva tutela dell'istituto della reguidicata, in quanto appunto mira a prevenire la possibilta' di due giudicati sull'identica lite emmessi contemporamente e successivamente da due distinti organi gurisdizzionali, giudicati uno dei quali sarebbe sostanzialmente illegittimo*".

Ġaladarba, il-kawża l-oħra ġiet definittivament deċiża, jonqos l-element essenzjali li jkun hemm proċedura għadha pendenti u mhux terminata. Għaldaqstant, din l-eċċezzjoni giet illum sorvolata u l-Qorti sejra tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tagħha.

**It-Tieni Eċċezzjoni**

Dwar it-tieni eċċezzjoni, kif jingħad fis-sentenza riportata a Vol XLIII pI p55, "*il-principju tal-"Electa una via" li mhux miktub f'termini generali u pozittivi f'ebda ligi, sew antika sew gdida, gie mill-interpreti tad-Dritt Ruman affermat bhala konsegwenza ta' hafna testi partikulari, li kienu assumewh bhala regola ta' dak li kien gie dispost minnhom. Skont dawn l-istess testi differenti, dawk li nterpretaw l-istess Dritt Ruman holqu l-principju li fil-konkors alternattiv ta' hafna azzjonijiet, l-ezercizzju ta' wahda minnhom tolqot u testingwi l-azzjonijiet l-ohra.*" (Iċċitata b'approvazzjoni mill-On.Qorti tal-Appell (Inf) fil-każ, Tereza Farrugia et v Giuseppe Camilleri et (Deċ. 24 ta' Marzu 2004).

Huwa minnu li kif ġie deċiż fil-każ, "Diana mart Edgar Gatt et vs. Vincent Said" (A.C. 23 ta' Frar 2001 – Citaż. Numru 150/92/AJM) "*fejn parti f'kawza jew f'xi procedura tkun ghazlet triq ta' difiza tal-jeddijiet taghha, kemm bhala attur kemm bhala konvenut, kemm bhala parti, u procediet fuq l-istess triq bil-prezentata ta' azzjoni*

*jew eccezzjoni, billi jsir l-att li jikkonferma tali xelta, ma huwiex konstentit illi dik il-parti f'dawk l-istess proceduri tibdel il-linja taghha, specjalment jekk dan ikun kontradittorju ghall-azzjoni stess li hija tkun hadet precedentement.*"

Illi fil-każ odjern, il-kontradizzjoni qed tiġi allegatament ravviżata f'żewġ proċeduri differenti. Is-sitwazzjoni li għandha quddiemha din il-Qorti tittratta talbiet f'żewġ kawżi separati, b'temi legali distinti. Illi huwa minnu li l-Qorti tista' teżamina r-rikonċiljabilità o meno tal-kawżali mhux biss fl-istess każ, iżda anke meta dawn jikkonċernaw żewġ kawżi separati. (Ara Edith Galea et vs Joseph Degiorgio, Qorti tal-Appell, 12 ta' Frar 2016).

Il-ġurisprudenza nostrana hija ċara fis-sens li, parti ma tistax tipproċedi b'varji azzjonijiet li huma fir-rigward ta' xulxin kontradittorji, u impossibbli li jirnexxu fl-istess istanza. Malli parti tagħżel tip ta' azzjoni, ma tistax tieħu ċans u tipproċedi fl-istess azzjoni, b'azzjoni oħra li tkun konfliġġenti u kontradittorja għall-azzjoni preċedenti. Fl-eventwalità li parti teżerċita azzjoni li fiha jkun hemm talbiet kontradittorji, in-nullità tar-rikors ġuramentat, għandha tiġi dikjarata mingħajr l-ebda eżitazzjoni.

Il-konvenut qed jallega li ġaladarba l-attriċi qiegħda tgħid li l-attur approfitta ruħu indebitament minn flusha meta xtara l-għalqa inkwistjoni u għalhekk qed tinvoka l-kważi kuntratt tal-indebiti solution, ma tistax imbagħad tagħmel kawża oħra u tgħid li kien negozju presta nome.

Minn eżami proċesswali, jirriżulta illi l-attriċi minn jeddha u għal raġunijiet li tafhom hi stess, fi Frar 2016, fetħet kawża għall-arrikkiment indebitu kontra l-konvenut, u mkien f'dik il-kawża ma argumentat illi l-propjetà nxtrat mill-konvenut f'ismu personali u bħala prestanome tal-attrici. Kien biss f'Awwissu 2020 illi l-attriċi fetħet il-kawża odjerna kontra l-istess konvenut għal dikjarazzjoni illi l-propjetà tax-Xagħra, Għawdex inxtrat mill-konvenut f'ismu u f'isem l-attriċi bħala mandatarju prestanome. Sussegwentament f'Settembru 2020 l-attriċi intavolat rikors b'talba għall-prolazzjoni tas-sentenza tal-ewwel Qorti stante illi hija intavolat proċeduri ġodda fejn talbet il-Qorti tissindika l-fatt illi r-relazzjoni vera ta' bejnet il-partijiet fir-rigward tal-art li nxtrat fi Triq Għonqa x-Xagħra kienet fil-fatt waħda ta' presta nome u għalhekk il-mertu ta' dik il-kawża jikkonċidi u jolqot direttament il-mertu tal-kawża dwar l-arrikkiment indebitu.

Jirriżulta illi l-Qorti ma ppronunzjatx ruħha dwar dan ir-rikors, u tat sentenza fejn ikkundannat lill-konvenut iħallas lill-attriċi flus li kienet għaddietlu biex tinxtara l-propjetà tax-Xagħra, Għawdex. L-Ewwel Qorti, b'deċiżjoni kkonfermata mill-Qorti tal-Appell, dwar il-flus żborsati mill-attriċi ddikjarat illi:-

> "*L-attriċi però ma llimitatx it-talba tagħha għal dawk l-oġġetti biss u infatti fir-rikors ġuramentat issemmi wkoll flus li allegatament għaddiet lill-konvenut sabiex*

*inxtrat għalqa x-Xagħra. Fl-opinjoni ta' din il-Qorti in linea mal-konsiderazzjonijiet ġa magħmula, dawn il-flus ma jistgħux jitqiesu bħala nfieq għall-ħajja ta' kuljum u kontribut 'ordinarju' tagħha fir-relazzjoni li kellha mal-konvenut. Nefqa straordinarja bħal din hija waħda li l-azzjoni kontra l-arrikkiment indebitu mibdija mill-attriċi tagħtiha l-jedd li titlob lura mingħand il-konvenut. Rigward din l-għalqa l-konvenut jgħid li inxtrat minnu u li l-attriċi tagħtu s-somma ta' għoxrin elf ewro (€20,000). L-attriċi fil-kontroeżami tgħid li ħarġet "sittin elf (60,000), li kienet tatni l-mummy. Barra l-flus li kelli l-bank." Hawnhekk għal darb oħra l-verżjoni tal-attriċi ma taqbilx ma' xhieda oħra mogħtija minnha in kontroeżami preċedentement, fil-kawża odjerna, kif ukoll max-xhieda mogħtija mill-ġenituri tagħha – missierha xehed li s-somma ta' sittin elf ewro tawhilha fuq medda ta' erba' jew ħames snin! Fid-dawl ta' dawn il-verżjonijiet differenti, il-Qorti ttendi lejn il-verżjoni tal-konvenut għax hija konsistenti. Isegwi għalhekk li billi ma hux kontestat li l-għalqa x-Xagħra nxtrat mill-konvenut waħdu u jirriżulta wkoll li l-attriċi kkontribwixxiet somma flus, il-Qorti hija tal-fehma li fid-dawl ta nuqqas ta' provi sodisfaċenti da parti ta' l-attriċi rigward is-somma minnha sborsata hija ma rnexxilhiex tikkontradixxi l-verżjoni mogħtija mill-konvenut u għalhekk, huwa ġust u ekwu li l-konvenut għandu jgħaddi lill-attriċi ssomma ta' għoxrin elf ewro (€20,000), bħala rifużjoni tas-somma mħallsa minnha versu l-prezz tal-għalqa."*

Madanakollu, il-Qorti tal-Appell fis-sentenza tagħha spjegat b' referenza għall-attriċi li:

*"Hija xorta waħda għandha l-jedd li tibqa' tinsisti fuq il-pretensjoni tagħha li r-relazzjoni bejn il-partijiet għax-xiri tar-raba' kienet waħda ta' prestanome".*

Din il-Qorti taqbel ma' dak sottolinjat mill-Qorti tal-Appell fis-sens li ma tqisx li hemm xi ostakolu biex tkompli bil-kawza odjerna.

**DECIDE**

Għar-raġunijiet suesposti, din il-Qorti qed tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel eċċezzjoni filwaqt li qed tiċħad it-tieni eċċezzjoni tal-konvenut.

Tordna l-prosegwiment tal-kawża.

Tirriżerva li tipprovdi dwar l-ispejjeż fil-ġudizzju finali.

**(ft) Dr Simone Grech**
**Maġistrat**

**(ft) John Vella**
**D/Reġistratur**

**Vera Kopja**

**Għar-Reġistratur**